**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEO TAŻ-ŻGĦAR 2002**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**It-Tielet Sena** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

Isem: ______________________________ Klassi: __________

Istruzzjonijiet lill-kandidati:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub:
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

SKEMA GĦALL-MARKI

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 20 | 4 | 8 | 8 | 30 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | |

Kummenti

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

**SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ**

Aqra sewwa din is-slita u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

# JGĦIX F'BALIENA



Ron Hugart hu xjenzjat li jrid jagħmel bħalma ġralu Ġonah fi żmien it-Testment l-Antik : se jgħix tliet xhur f'baliena blu, l-ikbar kreatura ħajja fid-dinja. Din it-tip ta' baliena tiżen madwar 150 tunnellata. (par. 1)

F'dawn il-ġranet Hugart se jidħol f'sottomarin żgħir, li ddisinja huwa stess u, wara li jsib baliena milli jixtieq huwa, jibqa' dieħel f'ħalqha u jħalliha tibilgħu. Wara li tibilgħu, Hugart se jwaħħal is-sottomarin mal-pulmun tal-baliena u joqgħod imwaħħal hemm għal tliet xhur sħaħ. (par. 2)

Huwa qiegħed jittama li bis-saħħa ta' hekk isib tagħrif ġdid xjentifiku dwar il-balieni li wieħed isir jafhom biss meta jkun qrib tagħhom. U hu mhux biss se jkun qribha, imma fiha. Isir jaf kif il-kreatura tgħix minn ġewwa! (par. 3)

Meta staqsewh jekk jibżax jidħol fil-baliena r-raġel qal li ftit jafu kemm hi kbira l-baliena. Per eżempju, waħda mill-arterji tagħha hi wiesgħa biżżejjed biex fiha jista' jitkaxkar tifel ta' sentejn. (par. 4)

Fil-Bibbja nsibu li Ġonah jinxteħet il-baħar minn baħrin waqt maltempata. Ir-raġel jispiċċa fl-istonku ta' ħuta kbira. B'miraklu hu jgħix għal tlett ijiem u tlett iljieli bil-għajnuna ta' Alla li wara jamar il-ħuta tobżqu 'l barra. (par. 5)

Normalment bniedem ma jistax jgħix f'ħuta għax imut peress li jkun ivvalenat mill-aċtu li tipproduċi l-ħuta fl-istonku tagħha biex tipproċessa l-ikel. Anki kieku bniedem jgħix fil-pulmun tagħha, xorta jmut, għax il-baliena timlieh bl-ilma baħar meta tieħu n-nifs u wara tarmih 'il barra flimkien mal-*carbon dioxide*. (par. 6)

Is-sottomarin ta' Hugart, li se jitlaq minn Seattle fl-Istati Uniti, jismu Pinocchio 1, u ssemma hekk wara l-baliena li tidher fil-film Pinocchio ta' Walt Disney. Pinocchio 1 se jħares lil Hugart mill-perikli kollha li għandhom x'jaqsmu mal-ġewwieni tal-baliena. (par. 7)

Għall-arja se jdaħħal pajp fil-pulmun tal-baliena u jipproċessah minn hemm, waqt li l-ilma tax-xorb jieħdu mill-ilma baħar li tibla' l-baliena u li wkoll jipproċessah u jagħmlu ilma ħelu tajjeb għax-xorb. (par. 8)

Ix-xjenzjat qed jgħid li l-ikbar problema se tkun is-solitudni għax se jkollu jgħix maqtugħ minn kulħadd għal tliet xhur sħaħ. Ma jafx jekk ikunx jista' jaqbad ir-radju! (par. 9)

(Minn FOKUS, Il-Mument, 8 ta' Ottubru, 2000)

| **A.** | **FEHIM IT-TEST** | (10 marki) |
|---|---|---|

1. Xi jrid jagħmel Ron Hugart? (par. 1)

   ______________________________ (marka)

2. Kif se jirnexxilu jagħmel dan? (par. 2)

   ______________________________

   ______________________________ (marka)

3. X'se jikseb b'dan? (par. 3)

   ______________________________

   ______________________________ (marka)

4. F'liema ktieb niltaqgħu ma' Ġonah, u kemm dam jgħix fl-istonku ta' ħuta kbira? (par. 5)

   ______________________________

   ______________________________ (2 marki)

5. Jista' jgħix bniedem f'ħuta? Għaliex? (par. 6)

   ______________________________

   ______________________________ (2 marki)

6. Għaliex is-sottomarin issemma *Pinocchio 1*? (par. 7)

   ______________________________ (marka)

7. Kif se jsolvi l-problema ta' l-arja? (par. 8)

   ______________________________ (marka)

8. X'inhi l-ikbar problema li se jiltaqa' magħha Hugart? (par. 9)

   ______________________________ (marka)

| **B.** | **GĦARFIEN IL-LINGWA** | (20 marka) |
|---|---|---|

## GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA

1. Nissel nom minn dan il-kliem :

   (i) tiżen (par. 1) ______________

   (ii) tifel (par. 4) ______________

   (iii) imut (par. 6) ______________

   (3 marki)

2. Oħroġ nom mill-għerq mogħti skond kif mitlub :

| | | |
|---|---|---|
| i. Nom Mimmat | n-f-s | |
| ii. Nom Diminuttiv | b-ħ-r | |
| iii. Nom Verbali | għ-j-x | |

(3 marki)

3. Imla skond kif mitlub (Agħżel mill-kliem mogħti) :
ħaddiem, tfulija, mitħna, tfajliet

i. It-tfal gawdew it- ________________ (nom denominattiv) tagħhom.

ii. It-________________ (nom diminuttiv) marru jiżfnu.

iii Il-________________ (nom parteċipjali) iqum fis-sitta ta' fil-għodu.

iv. Il-Kunsill Lokali irrestawra l-________________ (nom mimmat). (4 marki)

4. Poġġi dawn il-frażijiet fl-Istat Kostrutt :

i. l-omm tal-ħabiba ________________________________

ii. l-ispalla tal-missier ________________________________ (2 marki)

## LESSIKU/VOKABULARJU

5. Fisser dan il-kliem :

i. qrib (par. 3) ________________________________

ii. jamar (par. 5) ________________________________ (2 marki)

## ANALIŻI TESTWALI

6. Il-kelma "madwar" (par. 1) turi ċertezza. (IVA / LE) (marka)

7. Il-pronom mehmuż **ha** fil-kelma *ħalq**ha*** (par. 2) għal min qiegħed jirreferi?

________________ (marka)

8. Minn xiex hi ffurmata l-partiċella **mill-** fil-frażi ***mill-**ilma*? (par. 8)

________________ (marka)

9. Il-kelma **l-ikbar** fil-frażi ***l-ikbar** kreatura* (par. 1) turi :

| | |
|---|---|
| i. ħafna | |
| ii. l-unika minn ħafna | |
| iii. ftit minn ħafna | |

(marka)

## SINTASSI

10. Ikteb din is-sentenza f'**Mod Dirett** f'forma ta' mistoqsija u tweġiba :
Meta staqsewh jekk jibżax jidħol fil-baliena r-raġel qal li ftit jafu kemm hi kbira l-baliena. (par. 4)

Mistoqsija: ________________________________________________

Tweġiba: ________________________________________________ (2 marki)

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (4 marki)

### QWIEL U IDJOMI

1. Ikteb qawl dwar it-tema **FIDI**, imbagħad fissru.

   Qawl : ____________________________________________

   Tifsira : __________________________________________ (2 marki)

2. Fisser tnejn minn dawn l-idjomi (marbutin ma' Partijiet tal-Ġisem) :
   idu f'idu, medd idejh, f'ħakka t'għajn, ħadlu moħħu, qalb ħadra, webbes rasu, siequ fil-ħofra, wiċċu għad-dawl, żaqqu mimlija, ġismu tqil

| IDJOMA | TIFSIRA |
|---|---|
| i. | |
| ii. | |

(2 marki)

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (8 marki)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn u ikteb madwar 80 kelma.

1. Ikteb artiklu għal rivista biex tfaħħar/tmaqdar il-ġid/ħsara li seħħ/seħħet fid-dinja b'invenzjoni partikulari.

2. Int xjenzjat/a li għadek kemm għamilt sejba importanti għad-dinja ta' llum. Fassal avviż jew riklam għal gazzetta biex tintroduċi din is-sejba man-nies.

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

## E. TIFTIX – TRAWWIM KULTURALI (8 marki)

Fil-lingwa tagħna nsibu taħlita ta' kliem Semitiku/Rumanz/Anglo-Sassonu. Ikkummenta u agħti eżempji b'referenza għall-proġett li ħdimt bit-tema **Idea ta' Lingwa**.

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

## F. LETTERATURA (30 marka)

### 1. POEŻIJA : NADRIET 3

a. Wieġeb :

i. Għaliex taħseb li Dun Karm isemmi r-**rand** fil-poeżija *Poeta*?

________________________________________ (marka)

ii. Fil-poeżija *Qasba* Mario Azzopardi jxebbah il-qasba ma' armla. Għaliex?

________________________________________ (marka)

iii. "Jiena d-deżert għatxan ta' l-Arizona" jgħid Achille Mizzi fil-poeżija *Arizona* għax "______________" hu "ħuġġieġa ta' nirien" u "______________" hu "ħolma ta' serħ u poeżija". (2 marki)

iv. X'kelma juża Karmenu Vassallo fil-poeżija *Tifkiriet ta' Tfuliti* biex juri li "dik id-dwejra kennija" f'San Ġiljan kienet kollox għalih? ______________ (univers, spazju) (marka)

v. Ommu "għalih hi kollox", jgħid Ġorġ Borg fil-poeżija *Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti* . Kif jirnexxilu juri dan il-poeta?

________________________________________________

________________________________________ (2 marki)

b. *Waħdi* ta' Rużar Briffa u *Waħdi* ta' Dun Karm joħorġu l-kruha tas-solitudni fil-bniedem. Kif jirreaġixxu ż-żewġ poeti għal dan? (Ikteb madwar 7 versi)

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (5 marki)

ċ. **AKTAR NADRIET POETIĊI**

| |
|---|
| Fis-Skiet – Carmel Calleja, Matul is-Snin tal-Ħajja – Ġużè Chetcuti, Jekk Baħar Int Għalija – Carmel G. Cauchi, Raqdet il-Belt - Lilian Sciberras, Fuq Palm il-Ħbiberija – Philip Sciberras, Iż-Żgħożija – Charles Flores, Fjura tas-Sur – Mario F. Bezzina, Ħabbata – Marjanu Vella |

Agħżel poeżija u għid għaliex għoġbitek billi tirreferi għall-poeżija msemmija :

Isem il-poeżija - ______________________ Isem il-poeta - ____________________

Għoġbitni għax ______________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (3 marki)

## 2. PROŻA :

a. **STEJJER TAĊ-ĊARRUT** – Tarċisju Zarb

Agħżel **WAĦDA** minn dawn l-istejjer mit-taqsima "Meta jibdew il-problemi" u, fl-ispazju mogħti, ikkummenta dwar il-problema ppreżentata lilna.

| | |
|---|---|
| Tallab fil-Ġenb tat-Triq | Il-Bulijiet |
| Willie | L-iskuter |
| Ħallewh b'xejn | Kull deni ħudu b'ġid |

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (5 marki)

b. **Stejjer għal qabel jidlam** ta' **Oliver Friggieri**
L-istejjer *Min Miet fit-Tarzna*, *Meta dħalt fl-Isqaq* u *Il-Koranta* jippreżentawlna realtajiet fil-ħajja li jweġġgħu lill-bniedem. Agħżel storja minnhom u spjega x'messaġġ taħseb li ried iwassal il-kittieb.

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________ (5 marki)

## 3. DRAMM: IL-FORTUNA TAL-BAKKALJAW

Uri kif iħares lejn il-"fortuna" l-bniedem, kif naraw f'dan id-dramm ta' Ġużè Aquilina.

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________ (5 marki)

| **Ġ. KOMPONIMENT** | (20 marka) |
| --- | --- |

Agħżel **WIEĦED.** Ikteb madwar 300 kelma. (Ikteb fuq karta separata)

1. Is-sigurtà tal-ħaddiem fil-post tax-xogħol.
2. Storja ta' baliena.
3. Inqabbel lili nnifsi ma' karattru ta' ktieb/film famuż.
4. L-abbużi fid-dinja ta' llum żdiedu.
5. L-istudenti Maltin illum.